MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 525/2000/1

Avukat Dottor Kevin F. **DINGLI** u Avukat Dottor Suzanne Shaw, bħala mandatarji speċjali ta’ l-assenti Ammar Shammout

vs

**LOMBARD BANK MALTA p.l.c.**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-20 ta' Marzu, 2000, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi *nomine* talbu li din il-Qorti (a) ssib li l-awtorizzazzjoni mogħtija min-naħa tal-Bank imħarrek li bis-saħħa tagħha ħalliet lil Naser Elfitouri Elghawi biex, bejn l-1 ta' Ġunju, 1999, u t-13 ta' Awwissu, 1999, jiġbed somom li b'kollox itellgħu s-somma ta' sitta u tmenin elf ħames mija u ħamsa u erbgħin dollaru Amerikan u sebgħa u erbgħin ċenteżmi (USD 86,545.47) minn ġo kont konġunt bankarju ta' *United States Savings Account* numru 5027134998 fl-ismijiet "*Mr. Naser Elfitouri Elghawi & Mr. Ammar A.F. Shammout T/A Yamama - Aramex*" kienet ingħatat abbużivament u bi ksur tal-liġi u kif ukoll bi ksur tal-mandat li kien jirregola l-kont bankarju mertu tal-każ, jew f'kull każ bla ebda ġustifikazzjoni fil-liġi u għalhekk bi ħsara għall-jeddijiet tal-attur; u (b) għalhekk, tikkundanna lill-Bank imħarrek biex, fiż-żmien qasir u perentorju li l-Qorti jogħġobha tiffissa, trodd lura ġo l-imsemmi kont bankarju intestat "*Mr. Naser Elfitouri Elghawi & Mr. Ammar A.F. Shammout T/A Yamama - Aramex*", s-somma ta' sitta u tmenin elf ħames mija u ħamsa u erbgħin dollaru Amerikan u sebgħa u erbgħin ċenteżmi (USD 86,545.47), flimkien mal-imgħaxijiet legali kollha minn dak inhar li kienu nġibdu l-flus sa dak inhar li s-somom jintraddu lura. Talbu wkoll l-ispejjeż u żammew sħiħ kull jedd ta' azzjoni legali oħra kontra l-Bank imħarrek;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fl-14 ta' April, 2000, li biha l-Bank imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, talab is-sejħa fil-kawża ta' Naser Elfitouri Elghawi. Fil-mertu, laqa' billi qal li l-ewwel talba mhijiex mistħoqqa u jmissha tkun miċħuda għaliex infondata fil-fatt u fil-liġi; dwar it-tieni talba, din ukoll ma jmisshiex tintlaqa' għaliex il-flus in kwestjoni ma għadhomx fil-pussess tiegħu;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-13 ta' Ottubru, 2000[1], li bih ordnat lill-partijiet iressqu sottomissjonjiet miktuba dwar it-talba għas-sejħa fil-kawża ta' Naser Elfitouri Elghawi;

[1] Paġ. 19 tal-proċess

Rat is-sentenza preliminari mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-15 ta' Ottubru, 2001[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-Bank imħarrek biex jissejjaħ fil-kawża Elghawi;

Rat ix-xhieda mressqa mill-atturi *nomine* bil-mezz tal-affidavit u kif ukoll dawk imressqin minnhom *viva voce* quddiem il-Qorti (diversament presjeduta);

Semgħet ix-xhieda ulterjuri mressqa mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Ottubru, 2003[3], li bih awtorizzat li l-Bank imħarrek jressaq ix-xhieda ta' Naser Elghani bil-mezz tal-ittri rogatorji;

Rat il-provvediment kamerali tagħha tal-10 ta' Mejju, 2004[4], dwar l-ammissibilta' tax-xhieda ta' Bank kummerċjali dwar it-tħaddim ta' kont bankarju intestat f'isem terzi;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Jannar, 2006[5], li bih ċaħdet talba magħmula mill-Bank imħarrek waqt is-smigħ tat-3 ta' Novembru, 2005, biex tordna s-sejħa fil-kawża ta' HSBC Bank Malta p.l.c.;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Ottubru, 2008[6], li bih ħatret lil Marisa Farruġia biex tittraduċi fl-ilsien Malti t-tweġibiet mibgħuta mill-Awtorita' Libjana tal-ittri rogatorji bix-xhieda ta' Naser Elfitouri Elghani[7], liema

[2] Paġġ. 37A sa 37F tal-proċess
[3] Paġ. 95 tal-proċess
[4] Paġġ. 125A – 127 tal-proċess
[5] Paġ. 166 tal-proċess
[6] Paġ. 224 tal-proċess
[7] Paġġ. 185 sa 194 tal-proċess

ħatra nbidlet bil-ħatra ta’ Aaron Haroun bħala traduttur sostitut b’degriet tat-3 ta’ Diċembru, 2008[8];

Rat it-traduzzjoni tat-tweġibiet ta’ Naser Elghani magħmula mill-imsemmi traduttur Aaron Haroun fil-21 ta’ April, 2009[9], u minnu maħlufa kif imiss f’idejn ir-Reġistratur tal-Qrati;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta’ Novembru, 2009[10], li bih u fuq talba magħmula mill-partijiet f’rikors wieħed tagħhom tat-2 ta’ Novembru, 2009, ħatret lill-Avukat Ingrid Bianco bħala Assistent Ġudizzjarju biex quddiemha jsir il-kontro-eżami tal-attur *proprio* u tax-xhud tiegħu Wassim Hachem;

Rat ix-xhieda mogħtija mill-attur Ammar Shammout u mix-xhud Wasim Hachem quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta’ Ġunju, 2010[11], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta’ Ottubru, 2010[12], li bih u għar-raġunjiet hemm imfissra laqgħat talba magħmula mill-Bank imħarrek b’rikors tiegħu tal-14 ta’ Ġunju, 2010, biex jitħalla jressaq eċċezzjoni ulterjuri;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri mressqa mill-Bank imħarrek fid-9 ta’ Lulju, 2010, li biha qal li l-azzjoni attriċi jmissha tkun miċħuda minħabba nuqqas ta’ interess ġuridiku fl-attur Ammar Shammout;

[8] Paġ. 226 tal-proċess
[9] Paġġ. 240 – 6 tal-proċess
[10] Paġ. 251 tal-proċess
[11] Paġ. 271 tal-proċess
[12] Paġ. 275A tal-proċess

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi *nomine* fid-9 ta’ Settembru, 2010[13];

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-Bank imħarrek fl-4 ta’ Novembru, 2010[14], bi tweġiba għal dik tal-atturi *nomine*;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-attur *nomine*;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ksur ta’ mandat. L-atturi *nomine* li jidhru għal persuna li, flimkien ma’ ħaddieħor, kienet fetħet kont f’bank kummerċjali intestat fuq “ditta”, jgħid li l-istess bank ma qagħadx għall-istruzzjonijiet li kien ingħata dwar min u kif setgħu jinġibdu flejjes mill-imsemmi kont bankarju, u ħalla li wieħed mill-firmatarji jagħmel ordnijiet ta’ żbank bla ma l-firmatarju l-ieħor kien ta struzzjonijiet huwa wkoll. L-attur *proprio* jrid li l-Bank imħarrek (aktar ’il quddiem imsejjaħ “LBM”) jinstab li kiser il-mandat u jerġa’ jqiegħed fil-kont bankarju somma daqs is-somom kollha li kienu nġibdu minn ġo fih fuq talba ta’ wieħed biss mill-firmatarji;

[13] Paġġ. 288 sa 293 tal-proċess
[14] Paġġ. 296 sa 301 tal-proċess

Illi, min-naħa tiegħu, LBM laqa' billi, qabel xejn, talab is-sejħa fil-kawża tal-firmatarju l-ieħor tal-kont li kien talab l-iżbanki. Fil-mertu, laqa' billi qal li t-talbiet tal-attur ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex mhumiex mistħoqqa u la fil-fatt u lanqas fid-dritt, minbarra li t-tieni talba ma tistax tintlaqa' ladarba l-flejjes ma għadhomx aktar fil-pussess tiegħu. Aktar 'il quddiem, wara li kien xehed l-attur *proprio*, talab il-permess li jżid l-eċċezzjoni ulterjuri li l-attur *proprio* ma kellux l-interess ġuridiku biex iressaq u jmexxi 'l quddiem il-kawża tallum;

Illi dwar l-ewwel eċċezzjoni, din il-Qorti kienet ċaħdet it-talba għas-sejħa fil-kawża ta' Naser Elfitouri Elghawi b'degriet tal-15 ta' Ottubru, 2001;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża, jirriżulta li fis-6 ta' Marzu tal-1998[15], l-attur Ammar Shammout u Naser Elfitouri Elghani talbu l-ftuħ ta' kont *Savings* bin-numru 5027134998 (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Kont") fil-fergħa ta' Tas-Sliema ta' LBM. Il-Kont kien infetaħ b'dan l-isem "*Mr Naser Elfitouri Elghawi & Mr Ammar A.F. Shammout T/A Yamama – Aramex*";

Illi Yamama International Couriers Limited u Aramex International Limited kienu żewġ kumpanniji tal-ġarr tal-merkanzija, tal-ewwel imwaqqfa fil-Libja u tat-tieni fil-Ġordanja. F'xi żmien, dawn kienu qablu li jaħdmu flimkien fil-Libja fil-ġarr ta' posta bil-kurrier[16]. L-attur Shammout intgħażel biex jirrappreżenta lil Aramex u Elghawi biex jidher għal Yamama[17]. Il-Kont infetaħ fuq isem kull wieħed miż-żewġ rappreżentanti. L-attur Shammout ma baqax aktar impjegat ta' Aramex wara Marzu tal-2000;

Illi skond l-istruzzjonijiet mogħtijin lil LBM, iż-żewġ firmatarji kienu taw is-setgħa lil kull wieħed minnhom biex jista' jiġbed sa mhux iżjed minn ħamest elef dollaru Amerikan (US$ 5,000) kull tliet (3) xhur minn ġo dak

[15] Dok "RF1", f'paġ. 57 tal-proċess
[16] Xhieda ta' Naser Elfitouri Elghadi, f'paġġ. 242 – 3 tal-proċess
[17] Affidavit ta' Wassim Hachem Dok "C", f'paġ. 39 tal-proċess

il-Kont. Il-mandat kien jgħid li l-ġbid ta' kull somma 'l fuq mill-imsemmi limitu kellu jsir bil-firma jew talba taż-żewġ firmatarji flimkien. Il-mandat kellu jibqa' fis-seħħ sakemm ma jkunx imħassar b'talba miktuba tal-firmatarji;

Illi l-Kont beda jitħaddem fl-4 ta' Mejju, 1998[18]. L-ewwel flejjes li ddaħħlu fih dakinhar kienu l-flejjes li kienu jinsabu f'kont ieħor mal-istess LBM (Kont Nru. 5027134718) u li ngħalaq dak inhar. Il-bilanc fl-imsemmi kont kien ta' sitta u sebgħin elf tliet mija u sitta u disgħin dollaru Amerikan u sitta u sittin ċenteżmi (US$ 76,396.66)[19]. L-attur xehed[20] li dak il-kont ukoll kien jirrigwarda t-tħaddim tal-"*joint venture*" bejn Aramex u Yamama;

Illi f'ħames (5) okkażjonijiet bejn l-1 ta' Ġunju, 1999 u t-13 ta' Awwissu, 1999, Elghawi talab li jiġbed flejjes mill-Kont li b'kollox ilaħħqu għas-somma ta' sitta u tmenin elf ħames mija u ħamsa u erbgħin dollaru Amerikan u sebgħa u erbgħin ċenteżmi (US$ 86,545.47). F'dawn l-okkażjonijiet, Elghawi kien talab dan lil LBM bil-miktub[21];

Illi l-attur Shammout ukoll kien talab lil LBM darbtejn bil-miktub biex jirtira flus mill-Kont. B'kollox talab li jiġbed għaxart elef dollaru Amerikan (US$ 10,000) fis-7 ta' April, 1999 u fit-8 ta' Lulju, 1999[22]. LBM kien qagħad għall-istruzzjonijiet tiegħu;

Illi meta f'Novembru tal-1999 l-attur Shammout talab biex jiġbed flus mill-Kont, sar jaf b'dak li kien talab Elghawi u talab lil LBM biex tagħtih sudisfazzjon kif kien ġara dak li ġara. Kien talab laqgħa ma' LBM u kien iltaqa' mal-*manager* tal-fergħa ta' tas-Sliema, flimkien mal-kontrollur finanzjarju ta' Aramex f'Jannar tal-2000[23]. F'dik il-laqgħa, LBM intalab

---

[18] Ara Dok f'paġġ. 119 sa 122 tal-proċess
[19] Ara Dok f'paġ. 101 tal-proċess
[20] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami 26.2.2010, f'paġ. 256 tal-proċess
[21] Dokti "RF2" sa "RF5" u Dokti "E" u "F", f'paġġ. 58 – 9, 66 – 9 u 74 – 5 tal-proċess
[22] Dokti "AS1" u "AS2", f'paġġ. 259 – 260 tal-proċess
[23] Affidavit tal-attur Dok "D", f'paġ. 41 tal-proċess

jagħti spjegazzjoni dwar kif kienu nġibdu l-flejjes u li jreġġa' lura l-flus miġbuda għal ġol-Kont. Saret laqgħa oħra ma' uffiċjali ogħla ta' LBM flimkien mal-avukati tal-partijiet, imma LBM ċaħad kull responsabbilta' jew li naqas milli jwettaq il-mandat mogħti lilu;

Illi billi LBM baqa' ma laqax it-talba tal-attur, fl-20 ta' Marzu, 2000, huwa fetaħ din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-każ li l-Qorti għandha quddiemha, irid jingħad li l-attur isejjes l-azzjoni tiegħu fuq il-mandat li huwa jqis li ta lil LBM u x-xilja tiegħu li LBM naqas li jħares dak il-mandat. Kif ifisser b'aktar dettal fis-sottomissjonijiet tiegħu tal-għeluq[24], din tiegħu tallum hija azzjoni maħsuba biex tirreintegra l-Kont wara l-ksur tal-ħarsien tal-mandat mogħti lil LBM min-naħa tal-istess Bank. Jidher li l-konsiderazzjonijiet ewlenin li l-Qorti trid tagħmel iduru kemm mal-kuntratt tal-mandat u, b'mod aktar partikolari, mar-rabta ġuridika bejn bank u l-klijent tiegħu fejn jidħlu r-relazzjonijiet ta' bejniethom;

Illi l-attur jgħid li l-kwestjoni hija waħda ta' ftit diffikulta'. LBM ingħata struzzjonijiet ċari dwar it-tħaddim tal-Kont u l-istess Bank naqas li jżomm ma' dawk l-istruzzjonijiet u ħalla lil wieħed mill-firmatarji tal-Kont jiġbed somom 'il fuq mil-limitu mogħti fil-mandat. B'hekk, jgħid li l-imġiba ta' LBM ġabitlu ħsara għaliex meta hu ġie biex jiġbed flejjes mill-Kont li kellu jedd għalihom, sab li fil-Kont ma kienx fadal biżżejjed flus kemm kien jeħtieġ għalih. Huwa jisħaq ukoll li għalkemm huwa kien imexxi l-imsemmi Kont fil-kwalita' tiegħu ta' impjegat ta' Aramex, il-qagħda tiegħu kienet waħda ta' fiduċjarju tal-imsemmija kumpannija;

Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqis fil-mertu l-kwestjoni mqanqla mill-attur, huwa xieraq li qabel kull ħaġ'oħra tistħarreġ is-siwi tal-**eċċezzjoni**

[24] Paġ. 293 tal-proċess

**ulterjuri** ta' LBM dwar jekk l-attur *proprio* għandux l-interess ġuridiku li jressaq u jibqa' jmexxi din il-kawża;

Illi l-imsemmija eċċezzjoni tqajmet fi stadju mwaħħar tal-kawża u wara li kienu ngħalqu l-provi. Il-Qorti tifhem lill-attur meta jilminta minn din il-ħaġa, imma l-eċċezzjoni hija waħda li tista' titqajjem f'kull waqt tal-kawża, minħabba li l-interess ta' parti f'kawża jrid jintwera f'kull waqt tagħha. It-tqanqil tal-kwestjoni tal-interess ta' kull parti f'kawża huwa aspett li ma jintrabatx biss mal-istadju tat-tressiq tal-provi, għalkemm irid joħroġ mill-atti tal-kawża, fosthom l-istess provi mressqa;

Illi huwa magħruf li l-interess ġuridiku f'attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza. Għalhekk, dan iġib miegħu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew li tiġi msewwija inġustizzja magħmula fil-konfront tagħha[25];

Illi biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilita' u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd[26], b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi[27]. Kien minħabba dan il-prinċipju li għadd ta' sentenzi ċaħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b'sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali[28];

Illi, minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita' tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawza[29];

[25] App. Kumm. **2.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia et vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.98**);
[26] Ara App. Ċiv. **13.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Manche' vs Montebello*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.56**)
[27] P.A. **7.1.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Sammut*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.605**)
[28] Ara App. Ċiv. **8.6.1942** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis vs Bonello*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.218**)
[29] App. Ċiv. **17.2.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut et noe vs Attard*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.246**).

Illi ġie stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att innifsu li bih tinbeda kawża[30], u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fir-Rikors Maħluf, għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat[31];

Illi l-interess mhux tabilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid, u jista' jeżisti wkoll fejn jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv[32], imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku[33];

Illi, dwar il-kwestjoni tal-attwalita' tal-interess, b'mod partikolari dak l-interess li għandu juri l-attur biex isostni l-kawża, ingħad ukoll li fil-prattika ġudizzjarja wieħed jista' jressaq kawża biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definitiva u aħħarija, minkejja li din ma tkunx ġiet inkluża fl-azzjoni ta' aċċertament[34]. Madankollu, f'każ bħal dan, il-Qorti trid tkun sodisfatta li jkun hemm l-interess meħtieġ, anki preordinat għall-kawża l-oħra, u li d-dikjarazzjoni miksuba fil-kawża ta' aċċertament tkun tifforma l-bażi tal-kawża l-oħra li tista' ssir 'il quddiem[35];

Illi fil-każ tallum, LBM ssejjes din l-eċċezzjoni ulterjuri tagħha fuq il-fatt li l-attur xehed li hu ma kienx għadu iżjed impjegat ta' Aramex International u li l-flejjes li kienu jidħlu fil-Kont kienu flejjes ta' dik il-kumpannija fl-interess li kellha fil-konsorzju ma' Yamama Express. Min-naħa tiegħu, l-attur *proprio* jisħaq li huwa għad fadallu kull interess li jmexxi 'l quddiem din il-kawża bħalma kellu kull interess ġuridiku fil-waqt li fetaħha. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu jtenni r-raġunijiet tiegħu għal dan bħala l-istess raġunijiet li huwa kien ressaq kontra t-talba ta' LBM biex titħalla tressaq l-eċċezzjoni taħt eżami;

Illi l-Qorti ma ssibx li l-eċċezzjoni hija tajba. Lil hinn mill-qafas li fih infetaħ il-Kont, jibqa' fatt ċar li joħroġ mill-atti tal-kawża (l-aktar il-provi dokumentali mressqa miż-żewġ naħat) li l-Kont kien intestat fuq żewġ persuni fiżiċi – wieħed minnhom l-attur Shammout. Fit-tħaddim normali ta' kont bankarju, jitqies biss min huwa t-titolari ta' dak il-kont u mhux x'jistgħu jkunu r-retroxeni li jwasslu għall-ftuħ u ż-żamma tal-kont. Mill-provi mressqa, ħareġ ċar li l-Kont kien jista' jitħaddem mill-attur Shammout u minn sieħbu Elghani. X'kienu jagħmlu bil-fondi li jidħlu fil-

[30] Ara App. Ċiv. **3.12.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Caruana*** (Kollez. Vol: **LXVIII.ii.232**) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija
[31] Ara App. Ċiv. **12.12.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et***
[32] P.A. **13.10.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Axiaq vs Mizzi noe et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.ii.532**)
[33] App. Ċiv. **15.12.1932** fil-kawża fl-ismijiet ***Scolaro vs Bailey*** (Kollez. Vol: **XXVII.ii.195**)
[34] Ara P.A. **12.3.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Balluċi vs Vella Gera noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.257)**; u App. Ċiv. **4.12.1944** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Petrococchino*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.540**)
[35] Ara P.A. **10.10.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuffrida noe vs Borg Olivier noe et*** (Kollez. Vol: **L.ii.310** u Vol: **LI.i. 130**)

Kont huwa ħaġa tagħhom u r-relazzjonijiet li seta' kellhom ma' ħaddieħor dwar dawk il-flejjes jikkostitwixxu, fil-fehma tal-Qorti, relazzjonijiet ma' terzi li jmorru lil hinn mir-rabta li Bank kummerċjali jrid ikollu mal-klijent tiegħu;

Illi, ma hemm l-ebda dubju li, meta nfetaħ il-Kont, l-attur kellu kull interess u jedd fih u fil-mod kif kellu jitħaddem. Dan l-interess jibqa' sakemm il-Kont ma jingħalaqx. Ma ntwera bl-ebda mod li, sal-ħin li qiegħda tingħata s-sentenza, l-imsemmi Kont ingħalaq. Lanqas ma ntwera li, f'xi żmien wara Marzu tal-1998 (meta kien intalab il-ftuħ tiegħu u ngħata lil LBM il-mandat speċifiku dwar il-ġbid tal-fondi) kienu nbidlu l-istruzzjonijiet li LBM kien ingħata mill-firmatarji tal-istess Kont;

Illi f'qagħda bħal din, għalhekk, wieħed ma jistax jgħid li l-interess tal-attur Shammout intemm hekk kif intemm l-impieg tiegħu ma' Aramex International. L-interess tal-attur huwa wkoll wieħed attwali, għaliex l-għan tal-azzjoni tiegħu kienet minn dejjem u għadha waħda integrativa tal-imsemmi Kont u dwar it-tħaddim tiegħu. L-interess lanqas jista' jingħad li huwa biss wieħed akkademiku, għaliex tabilħaqq huwa attwali, ladarba l-firmatarju għadu titolari tal-Kont u LBM għadha tqisu bħala klijent tagħha. Fuq kollox, l-azzjoni attriċi tal-lum hija wkoll magħmula b'riżerva ta' azzjonijiet oħra li l-attur żamm sħiħa meta fetaħ din il-kawża. Hawnhekk ukoll, kif intwera qabel, jista' jkun radikat l-interess ġuridiku meħtieġ;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti sejra tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri għaliex la hija mistħoqqa fil-fatt u lanaqs fid-dritt;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issq biex tqis **l-azzjoni attriċi fil-mertu** u tistħarreġ is-siwi tagħha. Fl-ewwel lok, jixraq li tqis ir-relazzjoni bejn l-attur *proprio* u LBM. Imbagħad tqis il-kwestjoni tal-mandat mogħti u l-qafas tal-provi li joħorġu mill-atti tal-kawża;

Illi ma hemm l-ebda dubju li r-rabta ġuridika bejn l-attur Shammout u LBM hija waħda kuntrattwali. Għalkemm huwa aċċettat illum fid-duttrina li r-rabta legali bejn il-bankier u l-klijent hija waħda ta' debitur u kreditur[36], ma jistax jitwarrab għal kollox il-fatt li dik ir-rabta tnissel ukoll dik bejn il-mandant u l-mandatarju[37]. Dan jingħad minbarra l-fatt li, fil-każ tar-relazzjoni li tinħoloq meta jinfetaħ kont bankarju, jidhlu fis-seħħ regoli marbuta mal-kuntratt tad-depositu;

[36] Kumm. **26.11.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Merċieca noe vs Debono noe et*** (Kollez. Vol: **LXVIII.iv.235**)
[37] Ara App. Ċiv. **8.2.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Whicker noe vs Caruana noe*** (Kollez. Vol: **XLI.i.592**)

Illi huwa daqstant ieħor aċċettat li r-rabta ta' kunfidenzjalita' li titnissel bejn il-Bank u l-klijent tixxiebah mar-rabta tat-twettiq bona fide li l-liġi torbot biha lill-mandatarju fir-rapport mal-mandant tiegħu[38];

Illi fejn jidħol kont bankarju miżmum minn aktar minn firmatarju jew benefiċjarju wieħed ("*joint account*") bħal fil-każ tal-Kont mertu ta' din il-kawża, titnissel rabta ġuridika oħra bejn il-bank u l-klijenti. Fil-fehma tal-awturi, dan iġib miegħu effetti legali partikolari li, minħabba n-natura tal-kont, jitfgħu fuq il-bank u fuq l-istess benefiċjarji obbligi reċiproċi. "*According to the view which seems to meet with the most favour, such an account is both joint and several. Thus, while the signatures of both parties are required in any action taken with regard to the account, such as the drawing of cheques, if one of these signatures is forged, or added without authorisation, and the banker acts as if he had in fact held the order of both the parties to the account, he will be liable to the party who did not in fact sign, for breach of his several obligation to him not to act without his signature*"[39]. Din il-fehma toqgħod ukoll, fil-fehma tal-Qorti, fejn, bħal fil-każ li għandha quddiemha, l-benefiċjarji jkunu taw struzzjonijiet lill-bank dwar it-tħaddim tal-kont;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti tal-kuntratt ta' mandat, u safejn din il-għamla ta' kuntratt tgħodd għall-każ tal-lum, il-liġi tagħmilha ċara li l-mandatarju huwa marbut li jwettaq il-ħatra mogħtija lilu tul iż-żmien kollu tal-ħatra u jrid jagħmel tajjeb lill-mandant jekk kemm-il darba jonqos minn dak li ntrabat għalih. F'każ ta' nuqqas bħal dan, il-mandatarju jrid jagħmel tajjeb għad-danni u l-imgħaxijiet[40]. Din ir-rabta tal-mandatarju ma tgħoddx biss fil-każ ta' egħmil doluż, imma wkoll fil-każ ta' mġiba negliġenti. Dawn huma sanzjonijiet li, f'kull każ, il-liġi timponi lil kull min ikun naqas li jwettaq obbligazzjonijiet li jkun daħal għalihom;

[38] Chorley *Law of Banking* (6th Edit., 1974) f'paġ. 20
[39] Chorley *op. cit.* paġġ. 193 – 4
[40] Art. 1873(1) tal-Kap 16

Illi fil-każ tal-lum, ma hemm l-ebda dubju li bl-ittra tas-6 ta’ Jannar, 1998[41], LBM kien ingħata mandat jew direttiva speċifika u ċara dwar kif kellu jitħaddem il-Kont, b’mod partikolari f’dak li jirrigwarda l-ġbid minnu ta’ flejjes li jaqbżu ċertu ammont. LBM laqa’ dak il-mandat u fl-ebda waqt ma għarraf lill-benefiċjarji tal-Kont li huwa kien sejjer jieqaf jonora dawk id-direttivi. Lanqas ma ntwera li, f’xi żmien rilevanti, l-benefiċjarji tal-istess kont kienu bidlu l-mandat minnhom mogħti f’dan ir-rigward. Hawn ma jridx jintesa li l-mandat kien espress bil-miktub, u ma jgħoddx dak li tgħid il-liġi dwar ir-rinunzja jew aċċettazzjoni taċita (wara kollox, lanqas LBM ma allegat ħaġa bħal din). Għalhekk il-punt tat-tluq li fuqu tintrabat l-azzjoni attriċi u li dwarha din il-Qorti ntalbet tistħarreġ is-siwi tat-talbiet hemm magħmula huwa sewwasew x’ingħad fl-imsemmi mandat. Dan ifisser sew dak li talbu l-attur u sieħbu Elghani (u li huma wkoll suppost ħarsuh), u kif ukoll dak li ntrabat bih LBM;

Illi mill-atti ħareġ ċar li, bl-ammonti miġbuda minn Elghani bejn Ġunju u Awwissu tal-1999, kien meħtieġ li ammonti għall-ġbid (“*withdrawals*”) ta’ ’l fuq minn ħamest elef dollaru kellhom jintalbu miż-żewġ benefiċjarji flimkien. Dan ma sarx u l-provi dokumentali juru bla ebda ħjiel ta’ dubju li Elghani tħalla jitlob li jiġbed flejjes li jisbqu dawk il-limiti u f’qasir żmien. L-istruzzjonijiet saru lil LBM u dan, kull darba, qagħad għal dawk l-istruzzjonijiet. Kemm hu hekk, il-ġbid sar dejjem bil-ħidma u l-ministeru ta’ funzjonarji ta’ LBM għaliex il-faċilita’ ma kenitx tħalli li jinġibdu flejjes mill-Kont b’mod elettroniku jew awtonomu mill-intervent amministrattiv tal-Bank. Mad-daqqa t’għajn, għalhekk dak il-ġbid sar bi ksur tal-mandat espress li kien ingħata lil LBM;

Illi LBM jiġġustifika l-imġiba tiegħu dwar it-tħaddim tal-Kont b’għadd ta’ argumenti[42]. Fl-ewwel lok, huwa jqis li l-flejjes li ddaħħlu meta nfetaħ il-Kont kienu ġejjin minn kont ieħor li kien jgħajjat lil Elghani u li ngħalaq biex infetaħ il-Kont mertu tal-kawża. B’hekk, jargumenta li meta Elghani talab li jiġbed dawk il-flejjes kien qiegħed jieħu dak li kien tiegħu sa minn dejjem u ma kienu qatt flejjes tal-attur. Fit-tieni lok, jgħid li “numru

[41] Dok “RF1”, f’paġ. 57 tal-proċess
[42] Ara affidavit ta’ Ray Formosa, Dok “RF”, f’paġġ. 85 – 7 tal-proċess

konsiderevoli" ta' ħlasijiet li daħlu fil-Kont ma kellhomx jidħlu fih u ddaħħlu bi żball, imma messhom daħlu f'kontijiet oħrajn intestati lil Yamama jew lil Elghani. Fit-tielet lok, kien l-attur innifsu li, f'xi żmien, kiser il-mandat li huwa nnifsu ta lil LBM billi ġibed somom li jaqbżu l-ogħla somma permessa fiż-żmien permess ta' tliet xhur: jgħid li kellu jagħmel tajjeb għan-nuqqas tal-attur billi jirrifondi l-ammonti lil Elghani. Fir-raba' lok, jixli lill-attur b'imġiba mhux f'postha talli dan irrifjuta li jħalli lil LBM tressaq il-każ lill-Pulizija biex tistħarreġ lil Elghani. Fil-ħames lok, u marbut ma' dak ta' qabel, LBM jgħid li l-attur kellu jfittex direttament lil Elghani fil-Libja ladarba ż-żewġ firmatarji kienu jinsabu fl-istess pajjiż u kienu jmexxu n-negozju flimkien. Fl-aħħarnett, LBM jisħaq li l-istruzzjonijiet li sarulu minn Elghani ma kellhom xejn ħażin fihom u LBM sata' joqgħod fuqhom;

Illi l-Qorti ssib li wħud mill-argumenti mressqa minn LBM ma jindirizzawx il-qofol tal-kwestjoni u wisq anqas jikkonvinċu b'mod li jikkostitwixxu raġunijiet tajba li jiġġustifikaw l-imġiba tiegħu. Fl-ewwel lok, ma huwa l-ebda argument tajjeb li ssir l-allegazzjoni li kien l-attur innifsu li naqas li joqgħod għall-mandat minnu mogħti. Ir-rabta kienet torbot lil LBM li ma jħallix li jinġibdu fuq talba ta' benefiċjarju wieħed ammonti li jaqbżu l-massimu imsemmi fil-mandat. Minbarra dan, fil-kontro-eżami li sarlu, l-attur Shammout seħħlu juri li t-talbiet tiegħu għall-ġbid tal-flus mill-Kont kienu tabilħaqq iħarsu l-imsemmi mandat u sal-limiti imsemmija fih. Fit-tieni lok, l-allegazzjoni ta' LBM li l-biċċa l-kbira mill-fondi fil-Kont kienu ġejjin mill-kont ta' qabel, ma tibdel xejn mir-rabta li l-Bank kellu mal-benefiċjarji tal-kont mertu tal-każ. Meta aċċetta l-mandat, kien marbut biex iħarsu dwar il-fondi kollha li jidħlu fil-Kont u mhux dawk li jogħġbu jagħżel. Fit-tielet lok, ix-xhieda ta' Elghani dwar il-kont il-"qadim" ma tneħħix il-fatt li LBM irrifjuta li jdaħħal isem l-attur minflok dak ta' Moħammed Ghattour, u li kien huwa nnifsu li talab li jinfetaħ il-Kont il-ġdid. Dan kien ifisser li, kull rabta li seta' kien hemm qabel taħt il-kont il-"qadim" inqatlet (kemm hu hekk, il-mandat tal-kont il-qadim tħassret mal-egħluq tiegħu[43]) u ma setgħet tibqa' ssir l-ebda riferenza għal rabta li ntemmet. Il-flus li ddaħħlu fil-Kont il-ġdid għaddew hekk fuq talba speċifika ta' Elghani – wieħed mill-benefiċjarji tal-istess Kont – u minn

[43] Ara Dok f'paġ. 104 tal-proċess

hemm 'il quddiem dawk il-flejjes waqgħu taħt il-mandat li kien jirregola t-tħaddim tal-Kont il-ġdid. Fir-raba' lok, meta fis-sottomissjonijiet tiegħu LBM jgħid li dawk il-fondi tal-kont il-"qadim" iddaħħlu bi żball fil-Kont mertu tal-każ, ma jagħtih l-ebda jedd li jarroga unilateralment dak in-nuqqas tiegħu stess biex jaġevola lil wieħed mill-benefiċjarji bi ħsara tal-benefiċjarju l-ieħor. Żball ma jissewwiex b'ieħor. Fl-aħħarnett, il-Qorti ma tista' bl-ebda mod taqbel mal-argument ta' LBM li l-istruzzjonijiet mogħtijin lilu minn Elghani kienu regolari: dawk l-istruzzjonijiet, safejn kienu jaqbżu l-mandat, ma kienu bl-ebda mod regolari u kienu manifestament imorru kontra l-mandat mogħti. Ma jiswa xejn lanqas li wieħed jgħid li l-attur Shammout sata' żamm kuntatt ma' Elghani ladarba dawn kienu jaħdmu flimkien fil-Libja, għaliex il-qofol tal-mandat kien jorbot lil LBM lejn kull wieħed mill-benefiċjarji tal-Kont;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal biex issib li l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa u sejra tilqagħha u ssib li LBM naqas mill-obbligi kuntrattwali tiegħu lejn l-attur u jrid jagħmel tajjeb għal dak in-nuqqas;

Illi **t-tieni talba** attriċi hija konsegwenzjali għall-ewwel waħda. Dak li qiegħed jintalab fiha ma huwa xejn iżjed mir-reintegrazzjoni li l-liġi tippermetti f'każ fejn ikun hemm nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni. Dan joħroġ kemm mid-dispożizzjonijiet ġenerali tal-liġi f'dak li jirrigwarda t-twettiq tal-obbligazzjonijiet[44] u kif ukoll minn dawk tal-kuntratt ta' mandat;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti trid tosserva li s-somma li l-atturi *nomine* qegħdin jitolbu li LBM jerġa' jqiegħed lura fil-Kont hija anqas mis-somom kollha li Elghani ġibed minnu fiż-żmien mertu tal-każ. Għalkemm l-atturi jsemmu biss il-ħames okkażjonijiet fil-ħames premessa tal-Att taċ-Ċitazzjoni, mill-atti jidher li l-ammonti kienu aktar minn hekk. Kemm hu hekk, fl-affidavit ta' Wassim Hachem[45], joħroġ ċar li l-ammonti li Shammout jilminta dwarhom jisbqu l-wieħed u disgħin elf dollaru

[44] Artt. 1125 tal-Kap 16
[45] Ara Dok "Ċ", f'paġ. 39 tal-proċess

Amerikan. Il-Qorti għalhekk tifhem li t-talba attriċi hija kwantifikata kif inhi minħabba li Elghani, f'kull każ, kien awtorizzat li jiġbed il-ħamest elef dollaru Amerikan (US$5,000) bla ma jseħħ ksur tal-mandat u LBM ma kien ikun qiegħed jagħmel xejn ħażin li jħalli li dan isir. Iżda, fir-rigward tas-somma msemmija fiż-żewġ talbiet attriċi, LBM ma setax awtorizza l-isbank tagħha bla ma talab, kif messu għamel, ukoll l-istruzzjonijiet tal-attur Shammout;

Illi għalhekk ukoll, it-tieni talba attriċi hija mistħoqqa u l-Qorti sejra tilqagħha;

Illi b'dan il-mod, il-Qorti ma ssibx mistħoqqa **l-eċċezzjonijiet fil-mertu** mqajmin minn LBM u sejra tiċħadhom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel eċċezzjoni preliminari** fid-dawl tas-sentenza preliminari tal-15 ta' Ottubru, 2001;

**Tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri** mqajma mill-Bank imħarrek u ssib li l-attur Ammar Shammout kellu, għandu u baqa' jkollu l-interess ġuridiku meħtieġ biex imexxi din il-kawża;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-Bank imħarrek naqas li jħares il-mandat u l-awtorizzazzjoni mogħtijin lilu mill-attur u mid-detentur l-ieħor tal-Kont Savings f'denominazzjoni ta' Dollaru Amerikan Numru 5027134998, meta ħalla lid-detentur l-ieħor Naser Elfitouri Elghani jiġbed mill-imsemmi Kont somom ta' flus bi ksur tal-istess mandat u awtorizzazzjoni u ma ta l-ebda raġuni tajba għaliex ħalla li jsir dan;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tordna lill-Bank imħarrek biex, fi żmien għaxart (10) ijiem millum, jerġa' jqiegħed fl-imsemmi Kont is-somma ta' sitta u tmenin elf ħames mija u ħamsa u erbgħin dollaru Amerikan u sebgħa u erbgħin ċenteżmi (USD 86,545.47), flimkien mal-imgħaxijiet relattivi fuq dik is-somma, b'seħħ minn dakinhar li nġibdu s-somom relattivi sal-jum tal-effettiv radd lura fil-kont;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet fil-mertu** tal-Bank imħarrek bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** li l-Bank imħarrek iħallas ukoll l-**ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------